MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**ANNA FELICE**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 40/2013

**Joseph Lebrun**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joseph Lebrun li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-esponent tressaq il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Settembru 2005 akkuzat b'diversi reati skond l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 senjatament l-assocjazzjoni, traffikar u pussess ta' eroina.

Minhabba li l-ligi nostrali fil-perjodi illi fih l-esponent gie investigat, ma kienitx tipprovdi ghad-dritt lill-interrogat ghall-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogazzjoni waqt li jkun detenut mill-Pulizija Ezekuttiva, huwa attwalment irrilaxxa l-istqarrija tieghu minghajr ma kellu l-jedd jikkonsulta ruhu ma' avukat.

It-tehid tal-istqarrija huwa partikolarment rilevanti stante illi fil-kaz odjern gew prezentati intercepts ta' telefonati mehuda mis-Servizz tas-Sigurtà u l-prosekuzzjoni allegat illi dawn kienu kontenenti l-vuci tal-esponenti.

Il-materja ta' voice recognition kienet *a fact in issue* f'dawn il-proceduri tant illi l-ispettur illum Assistent Kummissarju Neil Harrison ghamel dikjarazzjonijiet matul il-proceduri illi b'xi mod huwa kien qed jaghraf il-vuci tal-esponenti.[1]

Ghaldaqstant il-pregudizzju potenzjalment soffert mill-esponent jista' ma jkunx limitat biss ghal kontenut tal-istqarrijiet izda anke ghall-vuci nfisha peress illi tista' tintuza ghal fini ta' paragun jew identifikazzjoni (recognition) liema fatt certament

---

[1] *Vide Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Joseph Lebrun, Vol 1, fol 168 et seq*

l-esponent ma kienx konxju tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija u lanqas l-ufficcjali investigattivi ma taw ebda twissija f'dan is-sens u illi ghaldaqstant huwa manifest u inekwivoku illi t-tehid tal-istqarrijiet minghajr ma l-esponent kellu l-ebda opportunità jew li jikkonsulta ma', qabel jew waqt l-interrogazzjoni, jew li jkun f'kull hin assistit minn, avukat ta' fiducja tieghu, jilledi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

Il-mankanza tad-dritt tal-esponent li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel/waqt it-tehid tal-istqarrijiet tieghu fic-cirkostanzi hi altro che leziva ghall-esponent ghaliex l-assenza totali tal-ligi li b'xi mod tiffissa il-paramentri dwar l-assistenza ta' avukat f'dawn is-sitwazzjonijiet, wasslet ghal sitwazzjoni ta' pregudizzju illi mhix limitata biss ghal dak li l-esponent fil-fatt stqarr mal-pulizija izda addirittura testendi ukoll ghall-vuci nfisha waqt ir-rilaxx ta' dik l-istqarrija illi ittiehdet minghajr il-fakultà illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2013, il-Qorti laqghat it-talba ghall-korezzjoni u wara l-kliem "tiddikjara illi" jizdiedu l-kliem "jekk u fl-eventwalità" dak li ntqal oralment waqt l-istatements ser jintuza ai fini ta' voice recognition allura ser ikunu gew lezi d-drittijiet tieghu kif saniciti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 30 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tordna illi bl-ebda mod ma ssir referenza ghal dak li gara waqt l-istatement ai fini ta' voice recognition;

3. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u necessarji sabiex jigu mharsa d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponent kif hawn fuq indikat.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li wiegeb illi:

Il-lanjanza fir-rikors promotur hija fis-sens illi *"l-mankanza tad-dritt tal-esponent li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel/waqt it-tehid ta' l-istqarrijiet tieghu fic-cirkostanzi hi altro che leziva ghall-esponent ghaliex l-assenza totali tal-ligi li b'xi mod tiffissa l-parametri dwar l-assistenza ta' avukat f'dawn is-sitwazzjonijiet, wasslet ghal sitwazzjoni ta' pregudizzju illi mhix limitata biss ghal dak li l-esponent fil-fatt stqarr mal-pulizija izda addirittura testendi ukoll ghall-vuci nfisha waqt ir-rilaxx ta' dik l-istqarrija illi ittiehdet minghajr il-fakultà illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu"*. Ir-rikorrenti qed jallega li t-tehid tal-istqarrijiet minghajr l-assistenza ta' avukat hija leziva peress li fil-kumpilazzjoni gew ipprezentati intercettazzjonijiet telefonici li saru qabel ma ttiehdu l-istqarrijiet u liema intercettazzjonijiet ser jintuzaw ghall-fini ta' *voice recognition*. Ir-rikorrenti ghalhekk qed jallega li t-tehid tal-istqarrijiet minghajr l-assistenza ta' avukat huwa leziv tad-drittijiet kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (erronjament indikat bhala l-Artikolu 30 tal-Kostituzzjoni fir-rikors promotur). Illi bhala rimedju r-rikorrenti qieghed jitlob li dina l-Onorabbli Qorti tordna li fil-procediment kriminali kontra r-rikorrenti ma ssir beda riferenza ghal dak li gara waqt it-tehid tal-istqarrija ai fini ta' voice recognition.

L-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jissottometti illi l-kwistjoni tan-nuqqas ta’ assistenza legali ma hijiex koperta mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Dan ghaliex dan l-artikolu jghodd biss fejn ikun inbeda procediment quddiem qorti (ara s-sentenza moghtija ghar-referenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Martin Dimech** deciza fis-26 ta’ April 2013 fejn il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni japplika biss meta persuma tkun <u>akkuzata</u> b’reat u mhux qabel). Fil-kaz odjern, l-ilment tar-rikorrent huwa dirett fil-konfront ta’ perjodu fejn kienet ghadha ghaddejja l-fazi tal-interrogazzjoni minn naha tal-Pulizija. Ghalhekk gialadarba c-cirkostanzi kkontestati mir-rikorrenti jmorru lura ghal grajjiet li sehhew qabel ma kienu lahqu nbdew xi procedimenti kontrihom, allura dan ifisser li l-ilment tieghu ma jistax jaqa’ fl-ambitu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq dan l-artikolu, l-istess ghandu jigi michud.

2. Illi in linea preliminari wkoll, l-istqarrijiet li rrilaxxa r-rikorrenti ma kienux irrekordjati u ghalhekk certament li ma jistghux jintuzaw ghall-fini ta’ *voice recognition*. In oltre, sabiex tista’ tigi deciza allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq hu mehtieg li jsir apprezzament tal-process kriminali fl-interezza tieghu. Illi fil-kaz tar-rikorrenti ghadu fl-istadju tal-kumpilazzjoni u ghahekk il-Qorti Kriminali ghadha ma bdietx tisma’ l-kaz tal-istess rikorrent. Peress li l-proceduri kriminali ghadhom ma bdewx jisntemghu quddiem il-Qorti Kriminali u wisq anqas gew konkluzi u dan meta l-apprezzament tal-allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq tirrikjedi evalwazzjoni tal-process penali fl-intier tieghu, l-azzjoni odjerna hija ghalhekk wahda intempestiva u ghandha tigi dikarata tali. Dan ukoll fid-dawl tas-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropeja fejn sabet lezjoni tal-Artikolu 6 meta l-Qrati domestici ikunu sabu htija billi jkunu strahu fuq l-istqarrija u mhux fuq provi ohra.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jissottometti li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smiegh xieraq meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropeja sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq minhabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija, dejjem ikkwalifikat il-gudizzju taghha u irriteniet illi jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser ikollha smiegh xieraq fil-proceduri kriminali, allura l-persuna ghandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-investigazzjoni. L-esponenti jirrileva illi certament illi mhux il-kaz illi l-Qorti Ewropea irriteniet illi jekk persuna ma kienietx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smiegh xieraq.

L-esponenti jissottometti li d-dritt ta' smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-procedura u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha bhal ma qieghed jittanta jaghmel ir-rikorrenti fejn qed jiffoka fuq l-istadju tal-interrogazzjoni. L-esponenti jissottometti li d-dritt ta' smiegh xieraq ma jistax ikun evalwat fir-rigward ta' mumenti li sehhew qabel ir-rikorrenti effettivament kien tressaq bhala akkuzat. Dan kien stabbilit fil-kaz fl-ismijiet **Imbroscia v. Switzerland** (applikazzjoni numru 13972/88 deciz mill-Qorti Ewropea fl-24 ta' Novembru 1993) fejn gie ritenut illi *"The manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case"*.

L-esponenti jissottometti li r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Ir-rikorrenti nghata t-twissija skond il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid setà jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi l-istess rikorrent kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha. Tant kien qed jifhem il-portata tat-twissija li l-istess rikorrenti ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saret fiz-zewg stqarrijiet li gew rilaxxati minnu u cioe' dik tas-7 ta' Gunju 2005 u dik tal-5 ta' Settembru 2005.

L-esponenti jissottometti illi fl-ebda waqt tal-proceduri ma giet attakkata l-validità jew il-volontarjetà tal-istqarrijiet da parti tar-rikorrenti izda kien biss wara tmien snin mir-rilaxx ta' tali stqarrijiet li r-rikorrenti qieghed jittanta jistultifika l-proceduri penali fuq il-pretensjoni li allegatament l-istqarrijiet ittiehdu bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.

L-esponenti jissottometti illi l-jedd ghal smiegh xieraq ma jinghatax biex min iwettaq reat jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu minhabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali (**Joseph Bugeja vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Jannar 2013). Illi l-Qrati nostrana kellhom l-opportunità li jezaminaw dan il-punt u l-Qorti Kostituzzjonali sabet li mhux bilfors ghaliex ir-rikorrenti ma thalliex jikseb parir legali waqt il-perjodu tal-interrogazzjoni allura huwa awtomatikament ma kellux process gjust. Illi sabiex nuqqas ta' assistenza legali jista' potenzjalment iwassal ghal ksur ta' smiegh xieraq irid jigi muri b'mod sodisfacenti li minhabba dak in-nuqqas inholoq periklu li r-rikorrenti nstab hati meta ma kellux

jinstab hati (**Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta’ Ottubru 2013).

L-esponenti jissottometti li ghalkemm l-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu jinqara flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni, ksur tal-Artikolu 6(3)(c) ma jfissirx li l-procediment penali ghandu jwaqqaf jew li t-tqeghid tal-istqarrija fl-atti tal-kawza jtabba l-process kollu.

Isegwi ghalhekk li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt ghas-smiegh xieraq.

4. Illi r-rimedju mitlub fis-sens illi ma ssir “l-ebda riferenza ghal dak li gara waqt it-tehid tal-istqarrija ai fini ta’ voice recognition” huwa rimedju li mhux gustifikat. Illi l-funzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti jirrigwarda l-kompatibilità tac-cirkostanzi li fihom saret l-istqarrija mal-Konvenzjoni Ewropea u mal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-kwistjoni ta’ ammissibilità ta’ prova ghandha tkun konsidrata mill-Qorti ta’ gurisdizzjoni penali li tgawdi gurisdizzjoni biex tevalwa l-validità u l-ammissibilità tal-provi migjuba quddiemha fil-kawza kriminali ghall-fini ta’ dik il-kawza.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

6. Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat Generali li, minkejja li giet debitament notifikata lid-difensur tar-rikorrenti, baqghet bla twegiba.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ dawn il-proceduri, r-rikorrenti Joseph Lebrun qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li jekk il-vuci tieghu tigi identifikata mill-istqarrijiet tieghu maghmula bla assistenza legali, ser jigu miksura d-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq kif sanciti bil-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Il-Qorti tibda biex tenfasizza li l-mansjonijet taghha f’dawn il-proceduri u, konsegwentement, kull provvediment li hija taghti fir-rigward, huma essenzjalment kostretti fil-parametri tat-talba maghmula mill-istess rikorrent. Il-Qorti tqis li ma tista’ qatt tigi uzata bhala “sounding board” ghall-“jekk” u “meta” jew “eventwalità”. Talba lill-Qorti ghal stharrig li jista’ jkollha valur purament akkademiku ma tista’ qatt titqies fil-mansjonijiet taghha skond il-ligijiet li minnhom temana l-kompetenza taghha fit-tharis tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Ma dan, wiehed jistrieh ukoll fuq l-insenjament ta’ dawn il-Qrati dwar l-interess guridiku rikjest sabiex jigi radikat id-dritt ta’ azzjoni (ara Magri et vs Market Intelligence Services Company Limited et u l-gurisprudenza fiha citata – ara wkoll Qorti tal-Appell Amato Gauci vs Zammit – 19 ta’ Mejju 2004).

Dan premess il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrenti turi mankanza lampanti ta’ dak l-interess fuq imsemmi. L-istess

talba tirreferi ghal "jekk u fl-eventwalità" dak li ntqal oralment ser jintuza ai fini ta' voice recognition. It-tieni talba imbaghad titlob il-Qorti tordna "illi bl-ebda mod ma ssir referenza ghal dak li gara waqt l-istatement ghal fini ta' voice recognition". Is-sitwazzjoni ravvisata mill-istess rikorrenti hija purament ipotetika.

Inoltre, mhux talli ma jirrizulta minn imkien li qatt sar xi skrutinju tat-twegibiet tar-rikorrenti fl-istqarrija ghall-fini ta' voice recognition, talli l-ufficcjali tal-pulizija inkarigati mill-investigazzjoni tar-reati li taghhom huwa akkuzat Joseph Lebrun, bil-gurament taghhom it-tnejn ikkonfermaw li z-zewg stqarrijiet rilaxxati minn Joseph Lebrun qatt ma gew registrati. L-ispettur Anzjan Dennis Theuma (fol. 44) jixhed illi:

> *"Nghid ukoll illi waqt ir-rilaxx taz-zewg stqarrijiet tas-Sur Joseph Lebrun ma ntuza l-ebda apparat ta' recording kemm digitali u/jew elettromanjetiku sabiex b'xi mod jigu rikordjati dawn l-istqarrijiet."*

L-istess jikkonferma l-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara:

> *"Irrid nghid ukoll li kemm fl-istqarrija tas-7 ta' Gunju 2005 u tal-5 ta' Settembru 2005, l-ebda wahda minn dawn l-istqarrijiet ma kienet b'xi mod irrekordjata fuq xi mezzi elettronici jew digitali."*

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi ghandha tmur oltre, galadarba hija marbuta bit-talbiet tar-rikorrenti kif delinejati fl-istess rikors promotur.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta’ Joseph Lebrun.

L-ispejjez jithallsu minn Joseph Lebrun.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------